MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1630/1999/1

**Alexander Cauchi**

**Vs**

**Antonia sive Antoinette Cauchi,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
B'digriet ta' l-10 t'Awissu, 1999 gew nominati Dr. Deborah Huber u PL Madeline Firman bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Charleston Cauchi, u b'nota tar-Registratur tal-Qrati giet sostitwita l-kuratrici deputata u gie nominat flokha Dr. Richard Sladden

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur huwa mizzewweg lill-konvenuta Antoinette Cauchi, izda ilhom jghixu separati *de facto* minn xulxin ghal dawn l-ahhar tliet snin u tmien xhur, u sadanittant hemm pendenti kawza ta' separazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili numru 1677/95 NA;

Premess illi tul dan iz-zmien kollu, l-attur u l-konvenuta iltaqghu biss fl-edificju tal-Qorti, huma u jattendu l-udjenzi jew seduti tal-kawza msemmija, u ma kellhom ebda inkontru iehor bejniethom barra l-edificju tal-Qorti, u ghalhekk qatt ma seta' kellhom x'jaqsmu flimkien sesswalment;

Premess illi matul l-1988 il-konvenuta harget tqila minn persuna injota, u hija hbiet dan il-fatt minn zewgha b'qerq billi bdiet tonqos milli tattendi ghall-udjenzi u seduti tal-Qorti fil-kawza imsemmija;

Premess illi fit-8 ta' Frar 1999 fis-6:45 ta' fil-ghodu il-konvenuta weldet iben fl-isptar San Luqa li semmietu Charleston Anthony Mark, u xorta baqghet izzomm dan il-fatt mohbi mill-attur;

Premess illi l-konvenuta marret tirregistra lill-imsemmija tarbija fejn fuq l-att tat-twelid numru 612/1999 id-dettalji tal-missier tnizzlu dawk ta' l-attur (Dok. A);

Premess illi fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi Charleston Anthony Mark li gie registrat fit-18 ta' Frar 1999 hemm imnizzel li isem missier it-tarbija huwa Alexander Cauchi, u li hu without occupation, ta' l-eta` ta' 49 sena, imwieled Luqa u joqghod Luqa, u li hu bin John Cauchi (Dead);

Premess illi l-attur ghandu interess li jigi dikjarat li Charleston Anthony Mark ma huwiex ibnu a tenur ta' Artikolu 73 tal-Kodici Civili ta' Malta, li c-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri ma jibqax jindika lilu bhala l-missier;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tinnomina periti medici sabiex jikkonstataw b'mod xjentifiku l-parentela tal-minuri Charleston Anthony Mark;

2. Tiddikjara li l-konvenuta hbiet b'qerq il-gravidanza li kellha b'Charleston Anthony Mark minn zewgha l-attur;

3. Tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Charleston Anthony Mark, kif premess;

4. Tordna li l-att tat-twelid tat-tarbija Charleston Anthony Mark li jgib in-numru 612 registrat fit-18 ta' Frar 1999 jigi korrett fis-sens li bhala partikolaritajiet tal-missier tat-tarbija, isem u kunjom il-missier Alexander Cauchi jigu sostitwiti b'Unknown Father, u l-kolonni li jindikaw il-Professjoni sengha jew stat iehor (li prezentement tindika *Without occupation*), l-eta` (li prezentement tindika *49* sena), il-post tat-twelid (li prezentement tindika *Luqa Malta*), il-post ta' residenza (li prezentement indikat *Luqa Malta*), u isem u kunjom il-missier [prezentement indikat *John Cauchi (dead)*] ghandhom kollha jithallew vojta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-15 ta' Frar, 2000 tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi din il-kawza qed issir principalment bhala wahda ta' l-azzjoni ta' denegata` paternita` u l-korrezzjoni mitluba fl-att tat-twelid numru 612/1999 hija incidentali;

2. Illi dwar il-mertu ta' din l-azzjoni, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur kien imissu talab li fl-att tat-twelid in kwistjoni il-kliem "*the said*"

fil-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm jigu kancellati;

4. Illi wkoll bla pregudizzju ghas-suespost, il-bidla li qieghda tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm-il darba tintlaqa' zgur li ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura ta' l-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li jsemmi l-attur fic-citazzjoni odjerna hija separazzjoni *de facto* u mhux *de jure*;

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid in kwistjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li allura m'ghandux ibati spejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota tal-konvenuta Antonia sive Antoinette Cauchi pprezentata fit-8 ta' Marzu 2000 li permezz taghha hija ammettiet t-talbiet attrici;

Rat id-digriet tat-8 ta' Marzu 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistant Gudizzjarju Dr. Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-27 ta' Lulju 2002 ta' Dr. Richard Sladden u l-PL Madeline Firman bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Charleston Cauchi, li fiha huma eccipew:-

1. Illi l-eccipjenti ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-fatti li taw lok ghal din l-istanza qed jigu hekk re-epilogati:-

(a) L-attur jallega illi hu u l-konvenuta martu kienu ilhom ghal cirka tliet snin u tmien xhur mifruda *de facto* meta gie koncepit il-minuri Charleston Anthony Mark li mbaghad twieled fit-8 ta' Frar 1999;

(b) Huwa jsostni li matul dan iz-zmien ma kellu l-ebda kuntatt mal-konvenuta u kien biss fil-kors tal-proceduri ta' separazzjoni istitwita minn martu (Citazz Nru. 1677/95) li kellu xi nkontri maghha;

(c) Jafferma wkoll li martu hbiet minnu l-fatt tal-koncepiment billi bdiet tonqos milli tattendi ghall-udjenzi u seduti fil-kawza tas-separazzjoni surreferita. Huwa tenna li sar jaf bit-twelid minghand ir-ragel ta' ohtu;

(d) It-tarbija giet intant registrata b'kunjom l-attur u bil-konnotati l-ohra idonei ghalih, u dan fuq id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta kif evidenzjat mic-certifikat ta' l-Att tat-Twelid (fol. 5 tal-process);

(e) Il-konvenuta, omm it-tarbija ammettiet dawn il-fatti (fol. 24) u ma ressqet l-ebda opposizzjoni ghalihom;

Jigi osservat illi l-provi mressqa huma tabilhaqq skarsi f'din il-kawza u ghajr ghall-affidavit ta' l-attur u dak li iddeponew il-partijiet - l-attur u l-konvenuta - in kontro-

ezami, mill-bqija ma xehed hadd aktar, u dan nonostante l-persuni msemmija fil-lista tax-xhieda tac-citazzjoni ta' l-attur. Lanqas ma jirrizulta mill-atti illi l-attur insista fuq dak minnu mitlub fl-ewwel domanda tieghu u cioe` li jigu nominati periti medici biex jikkonstataw il-parentela tal-minuri imsemmi. In effetti l-attur illimita ruhu ghall-aspett uniku, u cioe` il-habi mill-konvenuta martu tat-tqala u t-twelid tat-tarbija;

Mill-premessi tac-citazzjoni kif fuq riportati huwa ovvju li l-attur qed jintenta l-azzjoni ta' diskonoxximent tat-tarbija imnissla minn martu. Din hi azzjoni riservata di diritto lir-ragel biss u hi intiza biex twaqqa' l-presunzjoni legali sancita fl-Artikolu 67 li tafferma li "*l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu.*" Azzjoni li mhux bilfors twassal ghad-dikjarazzjoni ta' min hu l-missier naturali tat-tarbija imma li jehtieg, b'neccessita` guridika, twassal ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm mhux il-missier; fi kliem iehor hi azzjoni ta' "*denegata paternita`*";

F'azzjoni bhal din il-Qorti ghandha tuza massima kawtela u cirkospezzjoni u trid tassikura illi mill-ezami objettiv li taghmel ma tiddipartix minn dak traccjat fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili, senjatament fil-kaz partikolari, l-Artikoli 67 sa' 77. Anke fl-istat tal-ligi llum, ukoll wara l-emendi anqas rigidi, introdotti bl-Att XXI ta' l-1993, il-Qorti ghandha tqis li bil-konsiderazzjonijiet li taghmel dawn ma jiffavorixxux "*element distabilizzatur ta' dak li hu accettat bhala li ghandu jkun it-tessut socjali bazat fuq il-valur tal-familja li din il-Qorti temmen li ghandha tiffavorixxi. Dana mhux biss b'konvinzjoni f'dak li hu socjalment ta' gid ghat-tishih tal-familja imma wkoll ghaliex dan il-valur huwa l-ispirazzjoni ta' l-ordinament guridiku li jirregola s-socjeta` f'pajjizna li jiffavorixxi l-istat ta' legittimita` ta' l-ulied u li jiggarantixxi d-drittijiet u obbligi ta' manteniment, support, u solidarjeta` bejn l-membri ta' l-istess familja*" - "**Paul Bugeja -vs- George Portelli**", Appell, 28 ta' Frar 1997;

L-azzjoni ta' l-attur giet istitwita fit-terminu statutorju espress fl-Artikolu 73 tal-Kodici Civili. Jirrizulta in fatti illi t-tarbija twieldet fit-8 ta' Frar 1999 mentri l-azzjoni giet

proposta fit-12 ta' Lulju 1999, jigifieri entro il-perjodu ta' sitt xhur f'dan l-artikolu stabbilit;

Jifdal ghalhekk li jigi ezaminat jekk il-provi jinkwadrawx ruhhom f'xi wahda mill-ipotesijiet elenkati fl-Artikolu 70 tal-Kap. 16, u jekk il-gabra tal-fatti isostnux it-tezi attrici;

Kif gja inghad l-attur f'din il-kawza qanqal il-punt illi kien hemm da parti tal-konvenuta martu celament tal-gravidanza u tat-twelid tat-tarbija;

Qabel kull konsiderazzjoni ohra jkun forsi opportun li jigi ravvisat illi d-dikarazzjoni jew il-konfessjoni ta' l-omm "*mhijiex bizzejjed biex tkun eskluza l-paternita` tar-ragel, ghaliex l-omm tista' tkun ispirata minn sentimenti wisq varji u diversi, intizi, forsi, anki biex jingannaw il-gustizzja u jahbu l-verita*`" ("**Epifanio Vella -vs- Giuseppa Vella et**" riportata a **Vol. XXX P I p 474**). Hu del resto espress mill-istess ligi (Artikolu 70(2)) illi "*id-dikjarazzjoni biss ta' l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternita` tar-ragel.*";

F'din l-istess decizjoni appena citata intqal li c-celament kontemplat mil-ligi ghandu jkun pruvat b'xi atti pozittivi u mhux bis-silenzju ta' l-omm (sottolinear tal-Qorti). Dan huwa proprju dak li insibu wkoll fis-sentenza anterjuri "**Filippo Sbezzo -vs- Nicolina Sbezzo**", Appell, 22 ta' Ottubru 1882, allura presjeduta minn Sir Adrian Dingli: "*... fuori dell'adulterio, non si' e' fatta la prova di alcun fatto. Non consta di celamento volantario con intenzione positiva di occultare la nascita` ... e la mancanza di diretta partecipazione della nascita` del fanciullo all'attore non importa per se sola il celamento contemplato dalla legge.*" Il-kaz kien ta' mara li twielditilha tarbija waqt li kienet tiskonta piena karcerarja, u illi ma nfurmatx lil zewgha bil-gravidanza jew bit-twelid;

Fuq l-istess binarju ta' hsieb huma s-sentenzi "**Andrea Abela -vs- Giuseppa Abela noe et**", Appell Civili, 9 ta' Novembru 1936, u "**Salvu Cini -vs- Dr. V. R. Sammut noe**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Novembru 1943.

Proprju f'dan l-ahhar kaz intqal dan b'referenza ghall-omm it-tarbija:

"*Hija marret minghajr heba biex tehles fl-isptar tal-maternita` u minghajr heba rregistrat it-tarbija fir-Registru Pubbliku, sewwa minghajr ebda tibdil, bid-dikjarazzjoni maghmula minnha stess li dik it-tarbija ghandha lilha bhala omm u lill-attur bhala missierha.*";

Issa huwa minnu li dawn id-decizjonijiet irrispekkjaw l-istat tal-ligi kif kienet fil-mument li gew konfezzjonati izda r-referenza ghalihom, u l-aspetti fihom insiti, ghandhom iservu biex jillustraw il-portata tal-kliem "*hbiet it-tqala u l-twelid tat-tarbija*". Kif senjalat f'dawn is-sentenzi din il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi s-semplici skiet ta' l-omm, dizgunt minn cirkostanzi ohra li jimmanisfestaw li din volontarjament hbiet it-tqala u t-twelid, ma jokkostitwix celament. Difficilment imbaghad, jista' jigi accettat illi l-attur, li kien involut fi proceduri ta' separazzjoni ma kellux indikazzjoni anke minn ghidut in-nies, li martu kienet tqila jew li din hbiet it-twelid meta mill-Att tat-Twelid jirrizulta li t-tarbija twieldet fl-Isptar pubbliku. Ghalhekk f'dan ir-rigward u kuntest l-allegazzjoni centrali ta' l-attur tfalli u ma tikkonvincix;

Il-kwistjoni ghalhekk tal-kaz partikolari ezaminat tehtieg li tigi nkwadrata minn cirkostanzi ohra li kapaci jkunu ta' konfort ghat-tezi ta' l-attur illi huwa mhuwiex il-missier bijologiku tat-tarbija;

Jirrizulta mill-korp tal-provi illi l-kontendenti konjugi Cauchi kienu fiz-zmien tassattiv bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, mifruda *de facto*. Fil-fatt jinghad illi qabel dan it-twelid il-koppja kienu ilhom hekk separati ghal xi snin u fil-fatt kienu gja involuti f'kawza ta' firda personali. Jirrizulta wkoll illi matul dan il-perjodu l-attur mhux biss ma kienx rega' inghaqad ma' martu, ukoll temporanjament, talli lanqas biss kellhom inkontri flimkien jew xi relazzjoni sesswali sporadika. Il-konvenuta ma ghandiex ghalfejn ma tigix emnuta f'dan, tammetti illi hi bniet relazzjoni ma' certu Mark Schembri wara li fethet il-kawza tas-separazzjoni fl-1995, u li t-

tarbija hi proprjament frott tar-relazzjoni li ghandha ma' dan ir-ragel;

Dan ghandu per konsegwenza jfisser illi anke jekk talvolta mill-fatti rizultanti ma gietx ghal kollox assodata l-prova tal-habi tal-gestazzjoni u tat-twelid, xorta wahda l-azzjoni ghandha tregi mic-cirkostanza raffigurata fl-ipotesi (b) ghall-Artikolu 70(1) tal-Kap. 16. B'din l-emenda l-legislatur iddepartixxa mill-istat rigidu tal-ligi kif kienet qabel l-1993 u fejn allura r-ragel kellu biss ir-rimedju jekk matul iz-zmien fuq imsemmi huwa kien legalment (u mhux biss *de facto*) separat minn martu (Artikolu 83 (b) tal-ligi qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att XXI ta' l-1993);

Gjaladarba l-ligi stess qed tippermetti li tigi ammessa prova bhal din fuq esposta ghal liberu konvinciment tal-gudikant, l-azzjoni, minhabba din il-volonta` tal-ligi, u fl-interess tal-minuri, timmerita li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur;

Tilqa' t-Tielet Talba u tiddikjara illi l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Charleston Anthony Mark;

Il-Qorti tilqa' wkoll ir-Raba' Talba billi tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel ir-rettifikazzjoni opportuni mitluba mill-attur, biz-zieda tar-rilevanza ndikata fit-tielet eccezzjoni ta' l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid tal-minuri imsemmi esebit a fol. 5 tal-process;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenuta Antonia Cauchi, ad eccezzjoni ta' l-ispejjez relattivi ghall-ewwel zewg talbiet li ghandhom jigu sopportati mill-attur.

(ft) Philip Sciberras

______________________

Onor Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur